**Rapport Annwali ta' JASPERS 2014: Sommarju**

Fl-2014, JASPERS, is-sħubija bejn id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana tal-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), kompliet tappoġġa t-tħejjija ta' proġetti ewlenin biex jiġu sottomessi għall-finanzjament ta' għotjiet taħt il-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni f'isem l-14-il Stat Membru benefiċjarju tal-UE (il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja) u tliet pajjiżi kandidati (dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja).

L-2014 kienet sena ta' tranżizzjoni bejn il-Politika ta' Koeżjoni il-qadima tal-perjodu ta' programmar 2007-2013 u l-perjodu l-ġdid 2014-2020. JASPERS ħadmet fuq kompiti relatati mat-tlestija ta' sottomissjonijiet ta' proġetti għall-perjodu l-qadim id f'id mat-tħejjija ta' proġetti għall-perjodu l-ġdid. L-approvazzjonijiet kollha ta' proġetti ewlenin mill-Kummissjoni Ewropea fl-2014 kellhom x'jaqsmu mal-użu tal-fondi mill-perjodu 2007-13.

Fl-2014, il-Kummissjoni approvat 79 applikazzjoni għal finanzjament ta' proġetti ewlenin, meta mqabbla ma' 86 fl-2013, għal spiża ta' investiment totali ta' kważi EUR 1.5 biljun, li minnhom aktar minn EUR 1 biljun kienu f'għotjiet tal-UE.

L-ispiża tal-investiment totali għal proġetti ewlenin appoġġati minn JASPERS li kienu approvati mill-Kummissjoni bejn l-2007 u l-2014 kienet ta’ EUR 66.4 biljun, li minnhom l-għotjiet tal-UE ammontaw għal EUR 38.9 biljun.

Fl-2014 JASPERS stabbilixxiet funzjoni ta' Verifika tal-Kwalità Indipendenti (VKI) u żviluppat aktar iċ-Ċentru tan-Netwerking u l-Kompetenzi bil-għan li jinxtered l-għarfien u jiġu skambjati l-aħjar prattiki mal-benefiċjarji tiegħu.

B'appoġġ għall-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet u l-qsim tal-għarfien, f'Lulju 2014 il-partijiet interessati ta' JASPERS kellhom disponibbli portal tal-web ġdid ta' Pjattaforma tan-Netwerking (www.jaspersnetwork.org).

Fl-2014 ġiet stabbilita wkoll Taqsima għall-Ġestjoni tal-Kwalità biex tiżgura konsistenza u kwalità għolja fit-twettiq tas-servizzi ta' JASPERS.

*Għal informazzjoni dettaljata dwar l-attività ta' JASPERS, jekk jogħġbok ara r-Rapport Annwali ta' JASPERS 2014 (www.jaspers-europa-info.org) u r-Rapport Annwali tal-Pjattaforma tan-Netwerking 2014 ta' JASPERS (http://www.jaspersnetwork.org/ )*